PAPAT TAT-18 SEKLU

PAPA KLEMENT XIII

Sinjali ta' inkwiet bdew jidhru hekk kif il-kardinali ltaqghu ghal - konklavi fil-15 ta' Mejju 1758. Papa ta' id soda u qawwija kien mehtieg biex imexxi lill-knisja kattolika. Imma l-qawwiet tad-dinja riedu papa li jaqbel mas-sentimenti taghhom u jcedilhom f'dak li xtaqu. Meta Franza oggezjonat ghal ghazla tal-kardinal Cavalchini, il-konklavi ghazlu li Carlo Rezzonico. Dan accetta kontra qalbu u ghazel l-isem ta' Klement XIII. Renzo kien maghruf bhala persuna tajba u abbli imma xi ftit jew wisq indeciz u timidu. Li l-mexxejja tal-pajjizi ma hadux in kunsiderazzjoni kienet l-ispiritwalita' profonda tieghu. Ghalkemm kien ta' karatrru timidu, meta fin-nofs kien hemm il-principju ma kien jibza' minn xejn.

Carlo Rezzonico twieled gewwa Venezja fis-7 ta' Marzu tas-sena 1693 minn familja nobbli. L-edukazzjoni tieghu hadha minghand il-Gizwiti f' Bolonja u ha l-lawra fil-ligi gewwa Padova. Dahal fis-servizz tal-papa fejn mexa hafna 'l quddiem. Kien

mahtur kardinal djaknu fis-sena 1737 u kkonsagrat isqof ta' Padova fis-sena 1743 u fl-ahhar kardinal sacerdot fis-sena 1747. Bhala isqof huwa kien msemmi ghal ispiritwalita' tieghu u ghall- hila fit-tmexxija ta' l-erwieh. Iddistingwa ruhu fis-sinodu tas-sena 1746 u hareg pastorali sabiha hafna fuq il-hajja sacerdotali.

Klement kellu jara l-persekuzzjoni tal- principijiet u rejiet kattolici kontra l-ordni tal-gizwiti. Din l-ordni fir-raba vot taghha ta' ubbidjenza specjali lejn il-papa u l-insistenza taghha fuq edukazzjoni nisranija kienet ta' fastidju lejn il-mexxejja civili. Kienu oggezjonw ghal din l-ordni hekk devota lejn il-papa ghaliex huma kienu jqisu li l-istat huwa kollox.

Kien Carvalho li fetah l-ewwel l-kanuni kontra l-gizwiti. Dan kien ministru ta' setgha kbira fil-gvern tar-re dghajjef Guzeppi tal-Portugal. Bi brutalita' kbira huwa honoq l-ordni fil-Portugal fis-sena 1759.

Klement XIII oggezzjona, imma kull ma ha lura il-Papa kien il-ksur tar-rabtiet diplomatici bejn il-Vatikan u l-Portugall. Fis-sena 1763 kien imiss lil Gizwiti gewwa Franza li jigu soppressi u Spanja keccithom ' l barra fis-sena 1767.

Ir-re ta' Napli u d-duka ta' Parma mxew fuq l-ezempju ta' Spanja. Parma ghamlet pass aktar 'l quddiem u harget digriet antiklerikali. Dan irrita hafna lill- Papa ghax hu kellu xi drittijiet fuq din l-art. Minghajr biza' Klement XIII hareg digriet fejn ghamel nulli dak kollu li ghamel id-Duka. Dan l-att qanqal ir-rabja tal-mexxejja ewropej. Franza hatfet it-territorju ta' Avingon li kien jappartieni lill-Papa. Napli hatfet lil Benevento. Imbaghad f'nota konjunta il-qrati tal-Burboni u Portugizi talbu lil Papa biex jiritra l-moratorium u jissoppresa lil Gizwiti.

Imhawwad ghal ahhar b'dawn il-grajjiet, sahhet il-Papa marret tant lura li fis-7 ta' Frar 1769 miet. Filwaqt li Klement huwa l-Papa li tant wera' kuragg ghall-principji sodi tieghu, jibqa' imfakkar bhala dak li waqqaf il-festa sabieha tal-Qalb ta' Gesu' minkejja li hafna kien jopponuwha.